C/2024/4365

4.7.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11406 –TOTALENERGIES / SSE / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4365)

1. Fis-27 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TotalEnergies Marketing UK Ltd ("TEMUK", ir-Renju Unit), li tappartjeni għal TotalEnergies Group (Franza),

— SSE Utility Solutions Ltd ("SSEUS", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn SSE plc (ir-Renju Unit),

— SSE DE EV Holdco Limited ("JV", ir-Renju Unit).

TEMUK u SSEUS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— TEMUK hija l-entità tal-operat tas-servizzi u ta' kummerċjalizzazzjoni tar-Renju Unit tal-Grupp TotalEnergies. Hija timmanifattura u tbigħ lubrikanti, prodotti tal-bitum u solventi bbażati fuq iż-żejt grezz fis-setturi tat-trasport, tal-bini u tal-manifattura kif ukoll tforni fjuwils tal-avjazzjoni lill-ajruporti fir-Renju Unit kollu,

— Il-SSEUS tipprovdi soluzzjonijiet innovattivi għall-bini, is-sjieda u l-operat u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija fir-Renju Unit u fl-Irlanda, li jkopru kemm is-settur privat kif ukoll dak pubbliku fis-swieq residenzjali, kummerċjali u industrijali,

— JV se tinvesti, tibni, tippossjedi, topera u timmaniġġja network ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar li joffru ċċarġjar ultraveloċi għall-vetturi elettriċi u servizzi ta' konvenjenza relatati fir-Renju Unit u fl-Irlanda.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja jenħtieġ li tiġi speċifikata dejjem:

M.11406 –TOTALENERGIES / SSE / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża dawn id-dettalji tal-kuntatt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË